# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum il-Ġimgħa, 18 ta' Ottubru, 2024

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 87/2022 ISB**

1) **Jarrow Limited (C 12945) u**
2) **Multi Joint Projects Company Limited (C 18228)**

***it-tnejn qua azzjonisti ta' Alliance Malta Limited (C 25896)***

**vs**

1) **Ruth M. Azzopardi (KI 20784 M) u**
2) **Keith M. Azzopardi (KI 530688 M).**

***bħala eredi ta' Franco M Azzopardi (K.I. 533054M)***

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tas-soċjetajiet **Jarrow Limited u Multi Joint Projects Company Limited**, intavolat fis-30 ta' Awwissu 2022, li permezz tiegħu talbu lill-Qorti sabiex:

1) *Tordna li laqgħa tal-kumpanija Alliance Malta Limited (C 25896) sabiex fiha tingħadda riżoluzzjoni straordinarja mill-kumpanija għal xoljiment bi stralċ volontarju tal-istess kumpanija, tissejjah, tinżamm u titmexxa billi:*

   i. *Titneħħa l-ħtieġa li jintbagħtu l-avviżi indikati fl-istatut u/jew fil-liġi;*

   ii. *Tagħti direttiva illi is-soċjetajiet esponenti (tramite ir-rappreżentanti fiżiċi tagħhom) ikunu jikkostitwixxu quorum għal din il-laqgħa;*

   iii. *Tordna u tawtorizza li l-vot taż-żewġ soċjetajiet esponenti ikun biżżejjed sabiex tkun tista' tgħaddi ir-riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija għax-xoljiment bi stralċ volontarju tagħha;*

2) *Tagħti kull ordni oħra, u kif ukoll kwalsiasi direttivi anċillari jew konsegwenzjali oħra li jidhrilha xierqa sabiex jingħata effett għal dik l-ordni.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi l-esponenti jirriżultaw li huma azzjonisti fis-soċjeta' Alliance Malta Limited (C 25896) flimkien mal-kompjant Franco M Azzopardi u s-soċjeta' estera Windsor Insurance Brokers Limited (vide l-iktar statut riċenti ta' Alliance Malta Limited anness bħala Dok A);*

2. *Illi l-azzjonijiet kif reġistrati preżentement mar-Reġistratur tal-Kumpaniji huma is-segwenti:*

   i. *WINDSOR INSURANCE BROKERS LTD - 8,375 (Ordinary A shares)*

   ii. *FRANCO M AZZOPARDI – 33,478 (Ordinary A shares) u 16,750 (Ordinary D shares)*

   iii. *JARROW LIMITED – 18,451 (Ordinary B shares)*

   iv. *MULTI JOINT PROJECTS COMPANY LIMITED – 15,146 (Ordinary C shares).*

3. *Illi s-soċjeta' Alliance Malta Limited (C 25896) (iktar 'il quddiem tissejjaħ 'AML') kienet imwaqqfa' sabiex trendi servizzi ta' assikurazjoni u ilha numru twal ta' snin ma topera. Infatti l-aħħar transazzjonijiet kummerċjali jirrisalu lura għall-2003;*

4. *Illi l-azzjonist Franco M Azzopardi nhar il-5 ta' Diċembru 2010 u l-eredi tiegħu Ruth M. Azzopardi (KI 20784 (M) u Keith M. Azzopardi (KI 530688 M) aċċettaw l-eredita' tiegħu bil-benefiċċju tal-inventarju (vide dokumentazzjoni relattiva – Dok B). Illi sal-lum il-ġurnata id-defunt Franco M Azzopardi għadu jirrizulta uffiċjalment reġistrat mar-Reġistru tal-*

*Kumpaniji bħala azzjonist, direttur, rappreżentant legali, rappreżentant ġudizzjarju, u segretarju tal-kumpanija;*

5. *Illi s-soċjeta' estera Windsor Insurance Brokers Limited ġiet struck off u definittivament xolta nhar is-17 ta' Jannar 2017 (vide dokumentazzjoni relattiva – Dok Ċ).*

6. *Illi l-esponenti ingaġġaw is-servizz tal-awditur Alex Agius li ħa ħsieb li jara li l-affarijiet tal-kumpanija AML jkun regolarizzati u illum il-ġurnata il-kumpanija tista' tiġi stralċjata u xolta volontarjament;*

7. *Illi madankollu, l-istatut ta' AML jistabbilixxi hekk fi klawżoli 6.1 u 6.2:*

*6.1 An extraordinary resolution can only be taken at a meeting of the Company which notice specifying the intention to propose the resolution as an extraordthary resolution has been duly given and shall be deemed to have been* ***validly carried only if consented to by seventy· five per cent (75%) of the voting rights in the company****.*

*6.2 An extraordinary resolution shall be required for the following:*

*a) alterations and/or amendments to the* ***Memorandum and Articles Of Association except for the alteration of the registered address of the Company****.*

*b) dissolution of the company;*

*c) when so required by the Act or the Memorandum and Articles of Association;*

*d) The fresh issue or the conversion of shares or a reduction in the share capital*

8. *Illi l-awditur Alex Agius kien ħa ħsieb jinforma lill-intimati permezz ta' ittra datata 18 ta' Diċembru 2021 (kopja annessa u immarkata Dok D) u stedinhom jersqu għax-xoljiment bi stralċ volontarju ta' AML iżda dawn baqgħu inadempjenti preżumibbilment minħabba l-pożizzjoni li ħadu fir-rigward tal-eredita' ta' missierhom;*

9. *Illi għaldaqstant ma tistax tissejjaħ laqgħa tal-kumpanija skont l-istatut stante l-impossibilita' li sfortunament ġiet krejata bl-istriking off tal-azzjonist esteru u bin-nuqqas ta' aċċettazzjoni ta' eredita' da parti tal-intimati;*

10. *Illi għalhekk hemm lok li jiġu applikati id-dispożittivi tal-Artikolu 132 tal-Att dwar il-Kumpaniji li jgħid hekk:*

> *132.(1) Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew li jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att, il-qorti tista', jew minn rajha jew fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti waqt dawk il-proċedimenti jew, fin-nuqqas ta' xi proċedimenti, fuq rikors ta' xi direttur tal-kumpanija jew ta' xi membru tal-kumpanija li jkollu dritt jivvota fil-laqgħa, tordna li laqgħa tal-kumpanija tissejjaħ, tinżamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jingħata xi ordni bħal dan, tista' tagħti dawk id-direttivi anċillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluża d-direttiva illi membru wieħed tal-kumpanija preżenti personalmentjew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgħa.*
>
> *(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw ukoll għas-sejħiet ta' laqgħat tal-bord tad-diretturi ta'kumpanija, jekk lill-qorti jidhrilha, li ċ-ċirkustanzi jitolbu li tittieħed azzjoni bħal dik.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 36).

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta` Settembru 2022, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2022 fil-11:30 a.m.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2023, il-Qorti qieset li l-intimati kienu notifikati u ma ressqu l-ebda risposta u lanqas ma dehru quddiem il-Qorti u għalhekk qieset illi huma fi stat ta' kontumaċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2023, xehed **Alex Agius** u ppreżenta żewġ dokumenti (Dok AA1 u Dok AA2, fol 77 sa fol 78).

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' April 2024, id-difensur tas-soċjetajiet rikorrenti ddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi u ddikjara li r-rikorrenti lesti li jassumu l-ispejjeż tal-proċedura odjerna.

Rat ukoll illi fl-udjenza tad-29 ta' April 2024, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi s-soċjetajiet rikorrenti huma azzjonisti fis-soċjeta' Alliance Malta Limited (C 25896) (AML) flimkien mas-soċjeta' Windsor Insurance Brokers Limited u Franco M Azzopardi, liema soċjeta' ġiet inkorporata sabiex trendi servizzi ta' assikurazzjoni u pero ilha numru twal ta' snin ma topera, sa mill-2003.

Ir-rikorrenti jispjegaw li l-azzjonist Franco M Azzopardi miet u l-eredi tiegħu, l-intimati Ruth M Azzopardi u Keith M Azzopardi aċċettaw l-eredita` tiegħu bil-benefiċċju tal-inventarju u sa llum Franco M Azzopardi għadu jirriżulta uffiċjalment reġistrat mar-

Reġistru tal-Kumpaniji bħala azzjonist, direttur, rappreżentant legali, rappreżentant ġudizzjarju u segretarju tal-kumpanija.

Jispjegaw ukoll li fis-17 ta' Jannar 2017, is-soċjeta' estera Windsor Insurance Brokers Limited ġiet *stuck off*.

Ir-rikorrenti jikkontendu illi huma ngaġġaw is-servizz tal-awditur Alex Agius li ħa ħsieb li jara li l-affarijiet tal-kumpanija AML jkun regolarizzati u llum-il ġurnata l-kumpanija tista' tiġi stralċjata u xjolta voluntarjament, iżda ai termini tal-istatut tal-kumpanija riżoluzzjoni għal xoljiment tista' biss tittieħed b'vot ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-azzjonisti. Jispjegaw li għalkemm l-intimati kienu nterpellati jersqu għal deċiżjoni dwar l-istralċ tal-kumpanija, huma baqgħu inadempjenti u għalhekk is-soċjeta' *de quo* ma tistax tiġi xjolta voluntarjament.

Jispjegaw li għalhekk ma kellhom l-ebda alternattiva ħlief li jipproċedu quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 132 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

In sosten tar-rikors tagħhom, is-soċjetajiet rikorrenti ippreżentaw numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu, l-awditur **Alex Agius** jispjega li l-inkarigu tiegħu kien li jillikwida l-kumpanija Alliance Malta Limited li kienet kumpanija ta' assigurazzjoni liċenzjata mill-MFSA u dan meta ġie ngaġġat fis-sena 2013. Jgħid li tul is-snin kellu diversi laqgħat mal-MFSA, liema awtorità` minn naħa tagħha wkoll esprimiet ix-xewqa li l-kumpanija tiġi likwidata. Jgħid li ħa rendikont tas-sitwazzjoni tal-kumpanija u sab li kien hemm diversi pendenzi u beda jipprova jirregolarizza l-posizzjoni tal-kumpanija. Jispjega li kien hemm anke kontijiet pendenti ma' xi banek li tħallsu.

Jikkonferma li l-kumpanija estera Windsor Insurance Broker Limited ġiet stralċjata fl-Ingilterra. Jgħid li kien għamel diversi tentattivi sabiex jagħmel kuntatt mal-istess kumpanija, anke qabel ma din ġiet xjolta, iżda kien kollu għalxejn. Jispjega li għamel l-istess tentattivi ma' l-eredi ta' Franco Azzopardi li kienu wkoll għalxejn stante li l-intimati ma kienux aċċettaw il-wirt ta' missierhom għax ma riedu l-ebda responsabbilita`. Jgħid li l-kumpaniji rikorrenti kienu lesti li huma stess jassumu r-responsabilitajiet li kien hemm, inkluż li ħallsu d-djun.

Mistoqsi r-raġuni għaliex il-kumpanija ma tistax tiġi xjolta, jgħid li sabiex tiġi xjolta l-kumpanija jeħtieġ li jkun hemm riżoluzzjoni ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-azzjonisti u s-soċjetajiet rikorrenti m'għandhomx biżżejjed ishma bejniethom għal dan il-ghan.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-**Artikolu 132(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew li jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att, il-qorti tista', jew minn rajha jew fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti waqt dawk il-proċedimenti jew, fin-nuqqas ta' xi proċedimenti, fuq rikors ta' xi direttur tal-kumpanija jew ta' xi membru tal-kumpanija li jkollu dritt jivvota fil-laqgħa, tordna li laqgħa tal-kumpanija tissejjaħ, tinżamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jingħata xi ordni bħal dan, tista' tagħti dawk id-direttivi anċillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluża d-direttiva illi membru wieħed tal-kumpanija preżenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgħa.*

Fil-provvediment ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Anne J. Pace vs X** (14/2020JZM) tat-18 ta' Ġunju 2020, ġie spjegat hekk fil-kuntest ta' dan l-Artikolu tal-liġi:

> *Il-mudell ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 kienet Sec 371(1) talCompanies Act Ingliza 1985, li llum saret Sec 306 tal-Companies Act Ingliza 2006. Tajjeb jinghad illi fil-ligi Ingliza ma kienx hemm disposizzjoni bhall-Art 132(2) taghna. Infatti fil-ligi Ingliza s-setgha tal-qorti hija limitata ghall-convening of general meetings mhux ghal meetings of the board of directors.*
>
> *Fil-Pag 1427-1428 ta` Principles of Maltese Company Law (Second Edition – Volume Three – 2019 – MUP) Andrew Muscat ighid hekk b`riferenza ghall-Art 132(1) tal-Kap 386 –*
>
> *General meetings may also, in particular circumstances, be convened, held and conducted as directed by the Civil Court. The court may exercise this power if, for any reason, it is impracticable (i) to call a meeting of a company in any manner in which meetings of the company may be called or (ii) to conduct the meeting in the manner prescribed by the articles or the Companies Act. The court should be entitled to direct that a meeting be held when it is impossible to hold a 5 general meeting because of the persistent absence of a quorum at general meetings. The court should not however direct that a meeting be convened simply because the directors had rejected a request by a member to call a meeting. Nor should the court use its powers to overcome a deadlock in*

> *the company`s affairs where the deadlock is the result of a deliberately created parity of votes between two members. Indeed the legislative provision is designed to empower the court to ensure that meetings are held but not to alter the result that is likely to follow from that meeting.*
>
> *Where however the provisions of the articles are cynically exploited by some shareholders to block an effective meeting, the court should be able to exercise its powers. The court may exercise its power either (i) on its own motion or on the demand of either of the parties to proceedings before it during the course of such proceedings, or (ii) in the absence of such proceedings, on the application of any director of the company or of any member of the company who would be entitled to vote at the meeting. The court may order that the meeting be called, held and conducted in such manner as it thinks fit, and it may, whenever any such order is made, give such ancillary or consequential directions as it thinks expedient, including a direction that one member of the company present in person or by proxy is to be deemed to constitute a meeting.*

Illi għalhekk, l-Artikolu 132(1), li a bażi tiegħu saret din il-proċedura, jistabillixxi s-segwenti kriterju sabiex azzjoni bħal din tirnexxi - xi raġuni li għaliha ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpanija bil-mod li biħ jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpanija, jew xi jew l-istess raġuni li għaliha ma jkunx prattikabbli jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpanija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att.

Il-Qorti tqis illi l-mewt ta' azzjonist, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, fejn l-isħma tiegħu għandhom mhux formalment trasferiti lil min hu ntitolat għalihom, hija altru milli raġuni kontemplata kif hawn fuq ċitat. Bħal ma huwa wkoll il-fatt li waħda mill-azzjonisti ġiet stralċjata hi nnifisha u għalhekk m'għadhiex teżisti.

Hija permezz ta' rizoluzzjoni straordinarja meħuda f'laqgħa ġenerali tal-azzjonisti illi trid tittieħed id-deċiżjoni dwar jekk kumpannija xxoljix u tiġi stralċjata volontarjament (vide Art. 214 tal-KAP 386) u kwindi l-Qorti tqis illi huwa neċessarju illi tinżamm il-laqgħa mitluba u li pero`, fit-termini tal-istatut attwali tal-kumpannija AML, tali laqgħa ma tistax tinżamm.

Il-Qorti tqis illi din it-talba odjerna kif qed titressaq mir-rikorrenti bħala azzjonisti oħra ta' Alliance Malta Limited, tissodisfa għalhekk ir-rekwiżit li trid il-liġi fl-istess provvediment imsemmi, u għalhekk din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkolja t-talba mressqa.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara li rat l-atti kollha u in segwitu għall-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, qed tgħaddi biex tiddeċiedi, bl-

applikazzjoni tal-Art. 132(1) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta` Malta, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Memorandum u tal-Articles of Association tas-soċjeta` Alliance Malta Limited (C25896) billi:

1. **TILQA'** l-ewwel talba u tordna li laqgħa tal-kumpanija Alliance Malta Limited (C 25896), tissejjaħ, tinżamm u titmexxa:

    a) Esklussivament sabiex fiha tingħadda riżoluzzjoni straordinarja mill-kumpanija għal xoljiment bi stralċ volontarju tal-istess kumpanija,

    a) Minghajr il-ħtieġa li jintbagħtu l-avviżi indikati fl-istatut u/jew fil-liġi;

    b) Billi s-soċjetajiet rikorrenti Jarrow Limited u Multi Joint Projects Company Limited tramite r-rappreżentanti fiżiċi tagħhom jitqiesu illi jikkostitwixxu quorum għal din il-laqgħa;

    c) Billi l-vot taż-żewġ soċjetajiet rikorrenti Jarrow Limited u Multi Joint Projects Company Limited ikun biżżejjed sabiex tkun tista' tgħaddi r-riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija għax-xoljiment bi stralċ volontarju tagħha;

2. **TORDNA** illi l-laqgħa mitluba u hawnhekk awtorizzata tissejjaħ nhar **il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru 2024 fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00hrs)** fl-uffiċċju legali ta' l-Avukat John Gauci, 45/11, Triq id-Dejqa, Valletta, Malta, kif fuq ordnat b'item wieħed biss fuq l-aġenda li jkun "ir-riżoluzzjoni straordinarja mill-kumpanija għal xoljiment bi stralċ volontarju tal-istess kumpanija".

L-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tas-soċjetajiet rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**